MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 600/2003

**Ideacasa Company Limited**

**vs**

**Carmelo sive Charles u Josephine konjugi Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef tlett mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u erba' u hamsin centezmu (LM4,322.54) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta in konnessjoni ma bejgh ta' ghamara;

Bl-imghax legali mid-data tar-rispettivi skadenzi, bl-ispejjez legali inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2486/03 fl-istess ismijiet, bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi;

Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta' Frar, 2005, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef tlett mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u erba' u hamsin centezmu (LM4,322.54), bl-imghax legali kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------